



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Mejju 2015 —

Adler Modemärkte vs UASI

(Kawża C-343/14 P)¹

“Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali MARINE BLEU — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade mark verbali BLUMARINE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Tqabbil kunċettwali”

- 1. Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebha irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebha — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punt 31)*
- 2. Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebha irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebha — Xebh bejn it-trade marks ikkonċernati — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 38, 39)*
- 3. Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament — Aggravju bbażat fuq l-iżnaturament tal-fatti — Neċessità li jiġu indikati b'mod preċiż il-provi żnaturati u li jiġu identifikati l-iżbalji fl-evalwazzjoni li wasslu għal dan l-iżnaturament (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 168(1)(d)) (ara l-punt 43)*
- 4. Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffiċjenti jew kontradittorja — Ammissibbiltà — Portata tal-obbligu ta' motivazzjoni (ara l-punt 51)*

¹ — ĠU C 351, 6.10.2014.

5. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti — Karattru distintiv żgħir tat-trade mark preċedenti — Effett (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 59, 61)*

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Adler Modemärkte AG hija kkundannata għall-ispejjeż.